**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Familja**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ġimgħa, 25 ta' Frar 2022**

**Rikors numru:- 27/2021BS**

**AA**

**vs**

**BB**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors konġunt ta' AA u BB illi esponew:**

Illi l-partijiet iżżewġu fir-Reġistru Pubbliku, il-Belt Valletta, fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015), u dan kif jirriżulta minn kopja taċ-Ċertifikat taż-Żwieġ hawn anness u mmarkat bħala **dokument 'A'**;

Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġ (2) ulied tewmin, li t-tnejn twieldu fl-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u għalhekk għadhom minorenni;

Illi l-partijiet kienu isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin

(2021) pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Hili, u dan kif jirriżulta minn kopja tal-kuntratt hawn anness u mmarkat bħala **dokument 'B'**;

Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, tant li llum il-ġurnata għandhom ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

Illi l-partijiet ilhom għal snin twal separati *de facto* minn xulxin u fil-fatt ilhom sa minn Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) ma jgħixu flimkien;

Illi ma hemm l-ebda kwistjoni dwar mantenimenti bejn il-partijiet stante li filwaqt li l-Mara ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment mingħand ir-Raġel, ir-Raġel irrinunzja għad-dritt li jitlob manteniment mingħand il-Mara, u għalhekk ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment lil xulxin;

Illi ma hemm l-ebda pendenzi dwar manteniment għal dak li jirrigwardja ż-żewġ (2) itfal minuri:

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, u in vista tas-suespost l-esponenti umilment u bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn AA u BB;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti mar-rikors ġuramentat tal-partijiet.

Rat ukoll il-kuntratt ta separazzjoni[1].

Rat l-affidavit ta kull parti[2]

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-atti jirriżulta li l-partijiet ilhom għalhekk ghal aktar minn erba' snin mifrudin minn xulxin kif ukoll li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li l-partijiet jirrikonċiljaw u ma hemm l-ebda pendenza bejniethom.

Rat għalhekk illi l-kundizzjonijiet meħtiega għad-divorzju ġew kollha sodisfatti.

**Decide.**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet u l-motivi ġia espressi, il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft.) Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Dorianne Cordina
D/Reġistratur

Vera kopja

D/Reġistratur

[1] A fol 5 tal-process
[2] A fol 15 u 16 tal-process